Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA\` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 – L-Erbgħa, 18 ta' Diċembru, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 22, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 30 ta' Novembru – serata tal-MOC awards fil-Lukanda Hilton fejn attendew Larry Buttigieg u Stephen Mercieca.
   - 10 ta' Diċembru – saret konferenza stampa rigward Bethlehem f'Għajnsielem fil-Belt Valletta organizzata mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Josè Herrera, u li għaliha ġew mistiedna s-Sindku u l-Viċi Sindku.
   - Is-Sindku rċieva ittra mingħand Prof. Kenneth Wain, il-Kummissarju għal-Għaqdiet Volontarji, fejn talab għal spjegazzjoni kif l-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem talbet biex ixxolji, u wara li ġiet spjegata l-proċedura li trid tintuża biex isir dan, din l-għaqda baqgħet ma rrisponditux. Prof. Wain qal li kien sema' fuq il-*media* li Bethlehem f'Għajnsielem din is-sena kien ser isir. Hu

qal li l-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem kienet għada mwaqqfa u ma setgħetx tagħti fondi jew apparat lill-Kunsill Lokali u ried spjegazzjoni ta' dan. Hu qal ukoll li kien lest li joħroġ stqarrija fl-interess tal-manifest publiku biex ma jkunx hemm konfużjoni fir-rigward ta' dan il-proġett. Is-Sindku qal li hu kien irrisponda din l-ittra, fejn iċċara l-punt li sa mil-bidu nett, Bethlehem f'Għajnsielem dejjem ittella' mill-Kunsill Lokali Għajnsielem. Fl-ittra kiteb ukoll li għal-proġett ta' din is-sena, twaqqaf Kumitat Organizzattiv biex jieħu ħsieb Bethlehem f'Għajnsielem 2013-2014 u fejn il-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem ma kinetx tifforma parti minn dan il-Kumitat Organizzattiv. Is-Sindku kiteb ukoll li kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll dan il-Kumitat li twaqqaf ma kinux ser jingħataw fondi mil-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem.

Franco kompla ma dan il-punt, fejn qal li l-uffiċċju tal-Għaqdiet Volontarji rċiviet ittra anonima fejn qajmet ċertu suspetti lill-Kummisjoni, u għalhekk il-Kummissarju bagħat għal Franco Ciangura biex jispjega din l-ittra, fejn għamel dan u ta spjegazzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti.

- *Email* mingħand Silvio Zammit fejn qed jitlob għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex jittella ċ-*circus* fil-grownd tal-football – il-Kunsill qabel li kemm il-darba s-Sur Zammit iġib il-permessi kollha neċessarji, il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir dan.
- Kwotazzjoni mill-ERRC għas-servizz tagħhom tul Bethlehem f'Għajnsielem, li għall-ġranet kollha li l-presepju se jkun animat, l-prezz hu €1,100. Il-Kunsill approva din l-istima.
- TM: approvazzjoni ta' mera fit-Triq Ċens l-Għarus
- TM: approvazzjoni ta' mera fit-Triq Dun Frangisk Mizzi kantuniera ma' Triq 26 ta' Jannar.
- TM: approvazzjoni ta' *yellow line* fit-Triq il-Ġnien
- Health Insurance Policy mal-All Care Insurance Limited bħala pakkett offrut mill-AKL għall-Kunsilli kollha. Il-Kunsill approva li issir din l-*health insurance.*
- Talba mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta fejn talbu biex il-Kunsill japprova li jinġabru donazzjonijiet f'Bethlehem f'Għajnsielem nhar it-22 u s-26 ta' Diċembru biex dawn imorru għall-Istrina. Wara diskussjoni bejn il-Kunsill, sar qbil li peress li saru aktar talbiet mill-għaqdiet fir-raħal għal dan l-iskop, ġie deċiż li ma jintlaqgħux dawn it-talbiet.
- Risposta mill-BOV għat-talba tal-Kunsill biex joffri l-għajnuna finanzjarja għal-attività tal-Magi li se jitilqu minn Tolfa - din it-talba ma ġietx milqugħa.
- Il-Kunsill qabel li jikkanċella l-ikla tal-Milied pjanata għal nhar id-29 ta' Diċembru u minflokk issir nhar is-26 ta' Diċembru fil-Grand Hotel fit-8.30pm.

4. **Polza t'assigurazzjoni tal-Kunsill Lokali Għajnsielem**

Is-SE ġabet stima għal din l-assigurazzjoni mingħand il-Companss Ltd bħas-snin l-imgħoddija, li s-somma hi ta' €1,086.30 taħt l-Allcare Insurance. Mandanakollu, tul l-awditjar tas-sena 2013, l-awidtur ġibet l-attenzjoni lill-Kunsill biex jieħu ħsieb jżid fl-assigurazzjoni l-assi kollha li għandu l-Kunsill, inkluż dawn li jinsabu fit-toroq. Biex il-Kunsill iżid dawn l-assi, kif ukoll jiġi nkluż l-ħaddiem il-ġdid fuq l-iskema tad-diżabiltà, il-polza tal-assigurazzjoni tgħola b'€200.13. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn l-assi jiġu nklużi fl-assigurazzjoni għas-sena 2014.

5. **MEMO 31/2013 – Binjiet fil-Lokalità**

Is-Sindku qara l-MEMO lill-preżenti u wara diskussjoni l-Kunsill qabel li joffri s-sala tal-Kunsill għal-iskop ta' din il-MEMO.

6. **Kwotazzjoni – Bankijiet**

Is-SE ġabet stima mingħand Anton Zarb għal xiri ta' 3 bankijiet bħal dawk li hemm fil-Pjazza tad-Dehra, biex jiġu nstallati fuq il-Belvedere ta' fuq l-Għajn tal-Ħasselin. L-istima hi ta' €378.38 kull bank. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati u nstallati fuq il-post.

7. ***Leave*** **tal-administrazzjoni biex jiggedded għas-sena d-dieħla**

94 siegħa ta' Sarah Attard imġedda ghas-sena 2014 u 60 siegħa ta' Joseph Ciantar imġedda għas-sena 2014. Il-Kunsill approva dan. Reżoluzzjoni tal-*leave* biex jiġġedded għas-sena 2014 tas-Segretarju Eżekuttiv ta' 96 siegħa proponuta mis-Sindku u sekondata minn Peter Caruana. Il-Kunsill approva din il-proposta.

8. **Proġett Kemmuna**

Larry Buttiġieġ qal lil preżenti li rċieva talba mill-iskola Stella Maris fejn dawn qed jippreparaw mappa informattiva fuq Kemmuna, u qed jistaqsu x'jista' joffri l-Kunsill fl-istampar ta' din il-Mappa. Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat *draft* tal-materjal li se jiġi printjat u stima tal-ispejjeż involuti. Is-SE se tikkomunika mas-Surmast tal-Kulleġġ Sella Maris biex isir dan.

**9. Talbiet mir-Residenti**

- Talba mill-Mużew tas-Subien t'Għajnsielem għal-għajnuna biex jitkompla l-*fence* fil-grownd tagħhom – il-Kunsill qabel li jgħinhom bil-materjal li nxtara għal-Bethlehem f'Għajnsielem.

- Talba biex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera fit-Triq il-Ġnien kantuniera ma' Triq Baħħara – il-Kunsill approva li jsir dan.

- Talba biex issir mera fit-Triq il-Qala kantuniera ma' Sqaq il-Balliju – klarifikazzjoni mill-applikant peress li t-toroq imsemmiha ma jinsabux fil-viċinanza ta' xulxin.

**10. Materji Oħra**

Francis Cauchi:

- Talba minn Martin Xerri u l-persuni involuti li joqgħodu fit-Triq Malta biex isir ftit konkos fit-triq biex ikun jista' jipparkja – is Sindku għandu jmur fuq il-post biex jara s-sitwazzjoni.

Franco Ciangura:

- Bżonn ta' *watchmen* f' Ta Passi – isir komunikat mal-MGOZ biex issir dan.
- Bżonn ta' 6 *bins* għal Bethlehem f'Għajnsielem – isir komunikat ma' Marco mid-Dipartiment tal-Beach Cleaning, fil-MGOŻ.
- Possibiltà li l-*bring in sites* fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru jiġu trasferiti ħdejn is-*central strip* sakemm jgħaddi Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku għandu jiċċekja fuq dan.
- Tabella tal-ġemellaġġ ma' Tolfa vvandalizzata – għandha tinqala'.
- Mappa t'Għajnsielem – is-SE qalet li fl-aħħar kommunikat ma' Paul Stellini qal li se tkun lesta sal-aħħar tas-sena.
- Suġġeriment li jsir poster bl-awguri tal-Milied biex jitwaħħal mal-faccata tal-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan, u Franco għandu jieħu ħsieb dan.
- Il-Kunsill irringrazzja lill-Peter Caruana tax-xogħol li għamel fuq il-*bridge* tal-injam li tpoġġa fuq l-għadira tal-papri, fil-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem.
- Żjara f'Tolfa mal-Maġi – Franco qal li hemm xi residenti li jixtiequ jakkompanjaw lid-delegazzjoni Maltija tul il-vjaġġ tal-Magi minn Tolfa. Il-Kunsill qabel li din is-sena ma jaċċettax residenti biex jakkompanjaw din id-delegazzjoni.
- Suġġeriment biex jingħata premju bħala apprezzament lir-residenti li dejjem għamlu presepju kbir fir-raħal u jinfetaħ għal-pubbliku. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment, u għalhekk għandhom jiġu mistiedna Paul Stellini u Herman Mifsud biex jingħata dan il-premju.

Peter Caruana:

- Suggeriment li t-tfal li se jagħmlu l-pridka tal-Milied fil-knejjes f'Għajnsielem jerġgħu jagħmlu din il-pridka f'Bethlehem f'Għajnsielem.
- Suġġeriment biex fis-serata tal-għeluq jiġi mistieden s-Segretarjat Dr. Josè Herrera biex jagħmel konferenza stampa fil-Mellieħa. Il-preżenti qablu ma dan.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar 2014, fis-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.40pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv